



**Teħid tal-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minn membri
ġodda tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri**

Udjenza solenni tal-10 ta' Lulju 2013

Wara r-riżenja ta' John Dalli, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2012, ħatar bħala Membru tal-Kummissjoni Ewropea għall-kumplement tal-mandat tiegħu, jġigfieri sal-31 ta' Ottubru 2014, lil Tonio Borg.

Wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea, fl-1 ta' Lulju 2013, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Lulju 2013, ħatar bħala Membru tal-Kummissjoni Ewropea, għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sal-31 ta' Ottubru 2014, lil Neven Mimica.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjonijiet tal-10 ta' Lulju 2012 u tal-25 ta' Ġunju 2013, konformement mat-Trattati u wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, ħatar bħala Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2018, lil Iliana Ivanova, u għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sat-30 ta' Ġunju 2019, lil George Pufan.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żammet illum, fl-12:00, udjenza solenni li matulha l-Membri l-ġodda tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ħadu l-ġurament solenni skont it-Trattati.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq ["Europe by Satellite"](http://europe.by.satelite) ☎ (+32) 2 2964106